**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 626/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Wadea Al Maghbri**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Wadea Al Maghbri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 144366A quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Bejn is-27 ta' Ġunju 2016 u s-6 ta Settembru, 2016 ġewwa dawn il-ġzejjer xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta;

Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, malli sar jaf li xi ħaġa li kienet fil-pussess tiegħu kienet ħaġa misruqa jew meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgħarraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta saru jafu hekk;

Fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ukoll talli saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EC732YF ta' l-għamla Nissan Navarra mingħajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta` dwar ir-riskji għat-terzi persuni;

Fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EC732YF tal-għamla Nissan Navarra mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EC732YF ta l-għamla Nissan Navarra fi triq pubblika, mingħajr liċenzja maħruġa mill- Awtorita ta' Trasport ta' Malta;

Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-provediment ta` l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta` Malta permezz ta` sentenza datata l-29 ta` April 2015 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

U aktar talli naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), u cioe` mill-Maġistrat **Dr J. Demicoli LLd.** u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-15 ta' Diċembru, 2016 li biha stante ammissjoni mill-imputat għall-akkużi kif dedotti kontrih fi żmien bikri tal-proċeduri, u l-konferma ta' tali ammissjoni mill-istess wara li ngħata ż-żmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruħu, (sottolinear ta' din il-Qorti) sabet lill-imputat Wadea Al Maghbri ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu għal ħmistax-il (15) xahar priġunerija sospiżi għal erba' (4) snin kif ukoll multa ta' elfejn u seba' mitt Ewro (€2,700);

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Diċembru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u tgħaddi sabiex tirrevokaha u **tħassarha** f'dik il-parti rigwardanti il-piena inflitta u minflok tinfliġġi l-piena li hija fix-xorta jew kwantita' tagħha kontemplata fil-liġi għar-reati li tagħhom l-appellat kien misjub ħati, in oltre' titratta ma l-appellat dwar il-ksur tal-liberta' kkondizzjonata ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat :

1. Illi dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali dwar il-piena bil-premessa illi minħabba ix-xorta jew kwantita' tagħha hija differenti minn dik preskritta mil-liġi għar-reati li l-appellat instab ħati. L-appellat kien instab ħati ta' seba' imputazzjonijiet u fosthom imputazzjoni li huwa kien kkommetta reat waqt li kien qed jibbenefika minn liberazzjoni kondizzjonata ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446. Il-Qorti applikat l-artikolu 28A tal-Kap 9 (piena sospiża) meta kienet prekluza milli taghmel hekk skond l-artikolu 28A (7) tal-Kap 9 li jipprojbixxi li sentenza ta' priġunerija tkun sospiża 'meta r-reat ikun sar fil-perjodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni skont l-Att dwar il-Probation. Fit-tieni aggravju jillanja d-decizzjoni tal-Qorti li ma titrattatx mal-appellat dwar ir-reati tas-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr Carol Peralta datata 29 t'April, 2015 u li għalhekk huwa ma ngħatax il-piena preskritta mil-liġi.

2. Illi minn ezami tal-atti jemergi illi l-appellat kien originarjament mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, flimkien ma persuna ohra fis-7 ta' Settembru 2016 meta dik il-persuna ammettiet l-imputazzjonijiet lilha addebitati u konsegwentement sehh separazzjoni tal-gudizzju sabiex il-kawza titkompla b'mod separat kontra l-appellat. Fit-30 ta' Settembru, 2016 l-atti kienu rinvjati lill-Avukat Generali mill-ewwel Qorti wara deposizzjoni tal-Ispettur prosekutur u ta' Mauro D'Aloisi. Fl-udjenza tat-30 ta' Settembru, 2016 inghata digriet dwar il-*prima facie* u mill-gdid l-atti kienu rinvjati lill-Avukat Generali. Fl-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2016 kien registrat is-segwenti verbal:

*Meta ssejhet il-kawza deher l-Ufficjal Prosekutur u l-akkuzat assistit minn Dr. Leontine Calleja. / Il-Qorti tahtar li Nazmi Houtu Khalil bhala interpretu. / Il-Prosekuzzjoni tivverbalizza li l-ksur tal-bail ma kienx wiehed ta' natura serja u qieghed jigi pprezentat il-kunsens tad-droga bhala Dok NV12./ L-imputat jiddikjara li bi hsiebu jammetti l-akkuzi*

*kif dedotti kontra tieghu./ Il-Qorti tirrinvija l-atti lill-AG ai termini tal-Ligi./ Il-kawza giet differita ghall-15 ta' Dicembru 2016, fid-9.30 am./ L-imputat notifikat fl-awla.*

3. Fis-6 ta' Dicembru 2016, l-Avukat Generali baghat is-segwenti rinviju lill-ewwel Qorti:

*jitlob illi l-Qorti hawn fuq imsemmija, taht dak li hemm imsemmi fl-Artikolu 405 tal-Kodici Kriminali, jogghobha:*

1 *Illi din il-qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, in vista ta' dak verbalizzat fis-seduta tas-7 ta' Novembru, 2016, tghaddi wara li tkun accertat ruhha illi l-impuat huwa dispost jammetti l-imputazzjonijiet hekk kif dedotti, sabiex taghti l-gudizzju taghha skond l-artikolu 392A tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

*U ghalhekk jibghat dawn l-atti lill-Qorti fuq imsemmija.*

4. Fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru, 2016,quddiem l-ewwel Qorti imbaghad, kien registrat is-segwenti verbal:

*Meta ssejhet il-kawza deher l-Ufficjal Prosekutur u l-akkuzat assistit minn Dr. Leontine Calleja. / Deher ukoll Houto Nazmi Khalil li halef l-inkarigu moghti bhala interpretu tal-lingwa Maltija ghal dik Gharbija u vice versa. / Il-kawza giet deciza.*

5. L-ahhar haga li qed tirriproduci din il-Qorti huwa d-Dokument NV12 deskritt fil-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2016 bhala "*il-kunsens tad-droga*". Dan jghid hekk:

*BIS-SAHHA tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) nordna illi:*

***WADEA AL MAGHRBI*** *ta' hamsa u ghoxrin sena (d.t.t. 27/11/1990), iben Jamal u Fatma nee' Madi, imwieled Tripoli, Libja, detentur ta' Karta tal-identita' bin-numru 144366(A) u minghajr indirizz fiss:*

*jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.*

*Ft. Dr. Peter Grech AVUKAT GENERALI.*

6. Illi ezami tad-dokumenti in rassenja, din il-Qorti qeghda tissolleva ex officcio in-nullita' tas-sentenza appellata stante li, kif ser ikun spjegat, din hi kwistjoni ta' ordni pubbliku li ma tistax tghaddi inosservata. Apparti l-fatt illi minkejja li fis-sentenza in disamina, hemm indikat li l-appellat irregistra ammissjoni, dan ma jirrizultax mill-verbali tal-ewwel Qorti ghajr ix-xewqa tieghu li jaghmel hekk. L-anqas ma tirrizulta li kienet adoperata l-procedura ravvizata fl-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali minkejja li hekk indikat fis-sentenza u minkejja li l-Avukat Generali preventivament gibed l-attenzjoni tal-Qorti ghal dik il-procedura, jigifieri li ssir t-twissija solenni dwar l-ammissjoni fejn l-imputat jinghata zmien sufficjenti u wara jerga jkun mistoqsi biex jikkonferma jew le dik l-ammissjoni. Id-Dokument NV12 huwa ordni tal-Avukat Generali sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-**Qorti Kriminali**. Dan ifisser illi l-ewwel Qorti ma setghetx tipprocedi bil-prolazzjoni tas-sentenza anke li kieku kien hemm ammissjoni, li f'dan il-kaz mhix registrata, il-Qorti setghet biss tibghat l-atti quddiem din il-Qorti sabiex tipprolata hi s-sentenza kontra l-imputat li imbaghad jitqies bhala akkuzat taht att ta' akkuza ex artikolu 392B tal-Kodici Kriminali;

7. Ir-rinviju tal-Avukat Generali tas-6 ta' Dicembru, 2016 ma jistghax jitqies bhala kontro-ordni ghall-ordni tieghu fuq imsemmi. Fl-ewwel lok huwa maghmul taht il-firma ta' avukat mill-Ufficcju tal-Avukat Generali u mhux mill-Avukat Generali nniffsu kif jitlob il-Kap 101. Fit-

tieni lok, huwa maghmul taht l-artikolu 405 tal-Kodici Kriminali, li ma ghandu l-ebda rilevanza ghal-kwistjoni hawn sollevata;

8. Din il-qorti ma tarax ghaliex ghandha tinoltra aktar minn hekk ghaliex huwa evidenti li dan kollu jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata konsistenti f'nuqqas ta' kompetenza tal-ewwel Qorti sabiex titratta u tiddeciedi l-kaz;

9. Illi ghalhekk qed tiddikjara s-sentenza nulla u bla effett;

10. Illi fit-termini tal-artikolu 428(4) tal-Kodici Kriminali, stante li n-nullita' hija dovuta ghan-nuqqas ta' kompetenza, tordna li l-atti jkunu rinvjati lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex tisma u tiddeciedi l-kaz mill-gdid;

11. Tordna finalment, illi l-appellat jitqieghed fl-istess sitwazzjoni li kien qabel ma inghata s-sentenza mill-ewwel Qorti.